**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A46/10

11 t' Awwissu 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/46**

Ser tissejjaħ laqgħa urġenti tal-Kunsill nhar **L-Ġimgħa 13 t' Awwissu 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *schedule of works* u *tender document* Toroq Sir Frederick Ponsonby u Sir Patrick Stuart skont *Public Private Partnership*.

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

7 t'Ottubru 2010

Ref Nru.Klg5/046

Minuti tal-**laqgħa Urġenti** Nru.Klg5/46 li saret il-Ġimgħa 13 t' Awwissu 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Malcolm Camilleri u Ian Micallef flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat**

Il-Kunsillier Victor Rutter

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-11 t' Awwissu 2010.

1. **Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *Schedule of Works & Tender Document* Toroq *Sir Frederick Ponsonby* u *Sir Patrick Stuart* skont *Public Private Partnership***

**1.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv tat *overview* tat-*tender* hawn fuq sopracitat, fejn fost affarijiet oħra qalet, li d-dokumenti li kien ħejja l-Perit ma kienux *in order* u hu kellu jinkludi wkoll, il-kundizzjonijiet kif kienu ġew imposti u speċifikati skont *Public Private Partnership.* Hi kompliet tgħid, li wara li ċemplitlu u kwotatlu kif għandha tkun il-garanzija ta' l-Offerti (*Bid Bond*) skont *Memo 81/1999* (ara *appendix* Nru: 1) billi l-*Bid Bond* ma tkunx abbazi ta' persentaġġ iżda tkun ammont fiss skont il-valur stmat tal-kuntratt, f'dan il-każ trid tkun ta' €5823 (Lm2,500) minħabba l-fatt, li l-estimi tal-Perit kienet ta' €190,437.00, kienu saru l-emendi neċessarji.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li tinħareġ it-*tender* u tiġi ppubblikata skont il-proċedura nkluż l-avviż fil-*European Journal*, l-ammont għax-xiri tad-dokumentazzjoni għandu jkun ta' €150.00 skont *e-mail* li l-Kunsill kien irċieva mis-Sur Silvio Frendo tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali datata 15 ta' Lulju 2010, pero' qabel ma toħroġ it-*tender*, il-Viċi-Sindku flimkien mal-Perit għandhom jirrevedu t-*tender* u terġa' ssir kjarifika dwar il-*Performance Bond* minħabba l-fatt, li għalkemm is-Segretarju Eżekuttiv kienet ġibdet l-attenzjoni dwarha, l-Perit kien għadu ma ndirizzax din il-materja.

**1.2.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li għandha tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għat-tindif tal-*culverts* (*pits & crossings*) matul ix-Xatt mill-*Waterfront Hotel* sa l-*A1 Bar*, Triq Sliema k/ma' Rue D'Argens, Triq Emanuel Giordano minn Triq Reggie Miller sa Triq Luqa Briffa u Triq Luqa Briffa minn Triq Emanuel Giordano sa Triq Sliema. Il-kwotazzjonijiet għandhom jinkludu:

- l-metodu tax-xogħol
- Gwardjani Lokali biex jassistu t-traffiku liema spejjeż iridu jitħallsu mill-kuntrattur li jintagħżel biex jagħmel dan ix-xogħol
- Il-prezz irid ikun inkluż il-VAT (18%)

**1.3.** Rigward il-kors tal-kompjuter tat-*TcTc*, iċ-*Chairman* kien tkellem mas-Sur Ray Abela fejn dan ta' l-aħħar kien qallu li sabiex ikun possibbli li l-kors *Learn IT* jiġi estiż għall-istaġuni Ħarifa u Xitwa, l-Kunsill irid jieħu ħsieb li jħallas għall-*films* u l-*printing* tal-*promotional material*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda unanimament li tinġieb stima għal dan il-materjal sabiex tkun tista' titressaq għad-diskussjoni u approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**1.4.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni sabiex issir attivita' ta' *Religeous Christians* fil-5 ta' Settembru 2010, kif ukoll, attivita' tal-Kareżmatiċi fis-17 ta' Settembru 2010, fix-Xatt, Gżira sakemm dawn ikollhom il-permessi kollha meħtieġa.

**1.4.** Iċ-*Chairman* informa li t-*turf* kien ġie nstallat fil-*ground* tal-*football* iżda kien għad baqa' xi xogħlijiet żgħar li jridu jsiru. Hu kompla jgħid, li kien kkuntattjat mill-Avukat Angie Vella tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali sabiex isiru xi emendi liema emendi, kienu saru iżda l-kuntratt kien għadu ma ġiex iffirmat għaliex l-ewwel irid li jsir l-iffirmar bejn il-Kunsill Malti għall-Isports u l-*Gżira United Football Club* u sussegwentament, isir l-iffirmar bejn il-Kunsill Lokali Gżira u l-*G.U.F.C*. fil-preżenza ta' l-Avukat Angie Vella u s-Sur Martin Bugelli, Direttur tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali.

**1.5.** Is-Sindku flimkien mal-Viċi-Sindku għandhom jattendu għall-laqgħa tas-Sindki/Viċi-Sindki li ser issir fit-22 u t-23 t'Ottubru 2010, fid-*Doleman Hotel, Qawra*.

**1.6.** Abbazi tar-rimarka tas-Segretarju Eżekuttiv li l-*Accountant* kien għadu ma ssottometix id-dokumentazzjoni mitluba fil-laqgħat preċedenti, ċ-*Chairman* informa li hu kien għamel kuntatt miegħu u nfurmah li l-*Cash Budget* kien lest u kellu jaddieh lill-Kunsill.

**1.7.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li invista ta' *Memo 109/2010* – Użu tal-*Mobile Phones*, il-kuntratt attwali li għandhu dan il-Kunsill mad-ditta *GO plc* għall-linja 79341034 li tintuża mis-Sindku, għandha tiġi mwaqqfa mmedjatament għaliex hi kontra l-liġi u dan minħabba l-fatt, li mill-1 ta' Jannar 2010, kemm is-Sindki kif ukoll, il-Kunsillieri bdew jingħataw *allowance* biex tkopri spejjeż magħmulin fuq xogħol tal-Kunsill.

**1.8.** Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.<br>Sindku | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.<br>Segretarju Eżekuttiv |

MINISTERU TAL-GUSTIZZJA
U GVERN LOKALI

MALTA

MINISTRY FOR JUSTICE
AND LOCAL GOVERNMENT

*Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

*Local Councils Department*

LCD 13/1994/VI
LCD 28/1994/3

10 ta' Diċembru 1999

Lis-Sindki u s-Segretarji
Kunsilli Lokali

RECEIVED 22 DEC 1999

Memo 81/99

Proċeduri ta' Offerti

1. Garanzija ta' l-Offerta (*Bid Bond*)

Skond il Proċeduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) kull Segretarju tal-Kunsill għandu jiżgura li kull min jitfa' offerta għandu jagħti garanzija ta' l-offerta maħruġa minn bank Malti, li tkun tammonta għal 5% tal-valur ta' l-offerta mitfugħa.

Qed jirriżulta illi din il-proċedura qed toħloq diffikultajiet lil min ikun irid jitfa' l-offerta meta jiġi biex jagħmel il-garanzija mal-bank minħabba n-natura kunfidenzjali ta' l-istess offerti.

Bi qbil ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali inħasset il-ħtieġa li din il-proċedura tiġi emendata billi l-*Bid Bond* ma tkunx abbażi ta' persentaġġ, iżda tkun ammont fiss skond l-iskali kif jidhru fit-tabella murija hawn taħt:

| VALUR STMAT TAL-KUNTRATT | GARANZIJA MITLUBA |
|---|---|
| sa Lm 2,000 | xejn |
| minn 2,001 sa Lm 5,000 | Lm 200 |
| minn 5,001 sa Lm 15,000 | Lm 500 |
| minn 15,001 sa Lm 25,000 | Lm 1,000 |
| minn 25,001 sa Lm 50,000 | Lm 2,000 |
| minn Lm 50,001 'il fuq | Lm 2,500 |

Għaldaqstant, l-ammont tal-Bid Bond meħtieġ ser ikun determinat skond il-valur stmat u approvat mill-Kunsill għall-kuntratt partikolari li dwaru tkun ser issir l-offerta.

Fil-każ ta' tenders għal servizzi li huma bbażati fuq "*unit rates*", il-garanzija bankarja kemm għal *bid bond* u kemm għall-*performance guarantee* għandu jkun ibbażat fuq 75% ta' l-ammont allokat mill-Kunsill fil-*budget* għal dak is-servizz partikolari e.ż:- jekk il-Kunsill alloka Lm 3,000 fil-*budget* tiegħu għas-sinjali tal-marki ta' l-art, il-valur stmat tal-kuntratt ikun Lm 2,250 u għalhekk ikun ta' Lm 200.

CHATEAU DE LA VILLE, 21, TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 226534/5/6 FAX: 224904

Is-Segretarju għalhekk għandu jistabbilixxi minn qabel jekk hemmx bżonn *Bid Bond* u jikkalkola l-ammont tal-garanzija meħtieġa mill-bank skond il-parametri illistjati fit-tabella murija f'din iċ-ċirkulari.

Flimkien ma' din iċ-ċirkulari tinsab kopja ta' formola (*Special Conditions*) bil-linji ta' gwida dwar kundizzjonijiet speċjali f'każ ta' l-offerti li jkunu jinħtieġu garanzija bankarja (*Bid Bond*). Din il-formola flimkien ma' *Specimen Bid-Bond* għandhom jiġu inklużi mad-dokumenti ta' l-offerti fil-każ biss fejn tkun ser tintalab *Bid Bond.*

L-ammont tal-garanzija bankarja meħtieġa għandu jiġi ndikat fuq formoli ta' l-*ispecimen Bid Bond* u ta' l-*Special Conditions.*

Din il-proċedura ġdida għandha issa tiġi applikata flok dik eżistenti fir-rigward ta' l-ammont tal-Garanzija ta' l-Offerta, u għalhekk is-Segretarji għandhom jemendaw f'dan is-sens l-Istruzzjonijiet lill-Offerrenti (*Instructions to Tenderers, Section 08. Tender Guarantee* (*Bid Bond*)).

## 2. *Tender Specifications*

Ġie innotat illi t-*Tender Specifications* f'uħud mis-sejħiet għall-offerti maħruġa minn xi Kunsilli, qed ikunu vagi wisq u ma jinkludux informazzjoni dettaljata u importanti rigward is-servizz jew l-oġġett mitlub mill-Kunsill partikolari. Dan qed joħloq diffikulta lil bosta kuntratturi sabiex jagħmlu l-offerta tagħhom b'mod serju u kompetittiv; kif ukoll sabiex min se jiġġudika l-offerti jkun jista' jagħmel paragun għall-istess talba.

Għaldaqstant, kull sejħa għall-offerti għandha tinkludi *tender specifications* dettaljati rigward id-daqs, l-għamla, l-kwalita, it-tip ta' materjal, etc. ta' l-oġġett jew servizz mitlub.

Fl-aħħarnett infakkar lis-Segretarji illi għandhom jassiguraw li jiġu osservati l-obbligazzjonijiet kollha kif stipulati f'Artiklu 40 ta' l-Att Nru. XV ta' l-1993 (Kunsilli Lokali) kull meta l-Kunsill joħroġ sejħiet għall-offerti.

Victor J. Rizzo
Direttur (Kunsilli Lokali)

Kopji: Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali (Malta)
Awditur Ġenerali

Inklużi.